# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta’ Mejju, 2021.**

**Kawża Nru. 10 (Kost)**

**Rik. Nru. 34/18JRM**

Maria **GRECH**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat u Maria Vella

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-3 ta’ April, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbet li din il-Qorti (i) issib li hija ġarrbet u għadha qiegħda ġġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha għat-tgawdija bil-kwiet ta’ ġidha u li ma ma ġġarrabx trattament diskriminatorju b’rabta mal-imsemmi jedd, kif imħarsin fl-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll u 14 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) u dan safejn il-liġi tħalli lill-intimata

Maria Vella tibqa' iżżomm b'kirja l-fond numru wieħed u disgħin (91) (qabel numri 42 u 43) fi Triq Giovanni Barbara fil-Ħamrun, bla kumpens xieraq li jirrifletti l-valur tas-suq u bit-tħaddim ta' liġijiet li ħallew u għadhom iħallu din iż-żamma; (ii) issib li l-intimata Maria Vella ma tistax tibqa' tistrieħ fuq il-ħarsien tal-liġi li tħalli tibqa' tiġġedded b'mod awtomatiku l-imsemmija kirja b'kera stabbilit, billi t-tħaddim ta' dik il-liġi qiegħed iġibilha l-ksur tal-jeddijiet fuq imsemmija; (iii) tordna lill-intimata Maria Vella li titlaq minn taħt idejha l-post imsemmi favuriha, ħieles minn kull okkupazzjoni u kirja; (iv) tillikwida l-kumpens dovut lilha minħabba l-imsemmija żamma u minħabba l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha u li tordna lill-intimati, jew lil min minnhom, biex iħallsuha l-kumpens hekk likwidat; u (v) tagħti kull ordni u rimedju ieħor xieraq biex iġġib fit-tmiem il-ksur tal-jeddijiet fundamentali li minnu hija tilmenta. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2018, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tad-19 ta' April, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fil-11 ta' April, 2018, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li b'xi mod ir-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha. Preliminarjament, laqa' billi qal li, qabel kull ħaġa oħra, ir-rikorrenti trid iġġib prova li tassew hija s-sid tal-fond, u li trid turi liema huma l-artikoli tal-liġi li, fil-fehma tagħha, qed jiksrulha l-jeddijiet tagħha. Laqa' wkoll b'numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Maria Vella fis-17 ta' April, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (i) din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' u tqis l-ilment tar-rikorrenti għall-finijiet tal-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319[1] tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex tgħid li ladarba l-għan wara din il-kawża min-naħa tar-rikorrenti hu li ġġib it-tneħħija tal-eċċipjenti mill-post mikri, ir-rikorrenti kellha rimedji proċedurali oħra "ordinarji" fil-liġi li bihom setgħet inqdiet qabel ma fetħet dawn il-proċeduri straordinarji. F'dan ir-rigward, tagħmel referenza għal Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili u r-Regolamenti Dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test ta' Mezzi)[2]; (ii) ir-rikorrenti trid iġġib prova tat-titolu li għandha fuq il-fond; (iii) ir-rikorrenti trid tiċċara liema huma d-dispożizzjonijiet tal-liġi li qiegħda tilmenta minnhom; u (iv) li hija m'għandha ebda *locus standi* fil-kawża billi l-kawża hija ta' natura kostituzzjonali u għandu jwieġeb għaliha l-Istat. Ressqet ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

[1] Degriet tal-15.11.2018 fuq talba tal-intimata għall-korrezzjoni
[2] A.L. 463/2011 (L.S. 16.11)

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2018[3], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li ssir trattazzjoni dwar l-ewwel u r-raba' paragrafi tat-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimata Vella dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni (traskritta) tal-avukat tal-intimata Maria Vella dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat tat-30 ta' Novembru, 2018[5], bi tweġiba għall-punti mressqa fit-trattazzjoni bil-fomm mill-avukat tal-intimata l-oħra;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-rikorrenti Maria Grech tat-30 ta' Novembru, 2018[6], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-intimata Vella;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-intimata Vella;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata Vella;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali ta' tgawdija ta' possedimenti. Ir-rikorrenti tgħid li qiegħda ġġarrab ksur tal-jedd tagħha li tgawdi bil-kwiet ġidha kif imħares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, dwar post li ġie għandha minn qasma ta' wirt mingħand zijitha materna u li huwa mikri lill-intimata Vella. Tilmenta li, minħabba l-liġijiet fis-seħħ, la tista' tieħu lura l-fond għall-użu tagħha, u lanqas qiegħda tirċievi mill-użu tiegħu dħul jew kumpens xieraq meta wieħed iqis kemm iġib il-fond li kieku jitqiegħed għall-bejgħ fuq is-suq u kemm jiswa l-valur li bih jista' jinkera li kieku l-kera ma kienx imħares bil-liġijiet speċjali;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost dawn l-eċċezzjonijiet, hemm dawk imressqa mill-intimata Vella li bihom tistieden lill-Qorti sabiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha taħt il-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta'

[3] Paġ. 85 tal-proċess
[4] Paġġ. 122A sa 122D tal-proċess
[5] Paġġ. 123 sa 127 tal-proċess
[6] Paġġ. 128 sa 131 tal-proċess

Malta billi tgħid li r-rikorrenti kellha rimedji oħra li bihom setgħet inqdiet qabel ma fetħet dawn il-proċeduri straordinarji u naqset li tużahom. Tgħid ukoll li hija m'għandha ebda *locus standi* fil-kawża billi l-kawża hija ta' natura kostituzzjonali u dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali għandu jwieġeb l-Istat u mhux iċ-ċittadin privat;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata Vella;

Illi bħala <u>fatti relevanti kif joħorġu mill-atti tal-kawża</u> sa issa, jirriżulta li r-rikorrenti hija s-sid[7] tal-fond numru 91 (ġja` 42 u 43) fi Triq Giovanni Barbara, fil-Ħamrun[8]. Il-fond, sa mis-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor, kien mikri lill-ante kawża ta' Maria Vella bl-ammont ta' disa' Liri Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm9.70) fis-sena. Wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet fil-liġi tal-kera fl-2009, fuq il-fond bdiet titħallas kera fl-ammont ta' mitejn u tlett ewro u tlettax-il ċenteżmu (€203.13) fis-sena[9]. Jirriżulta li f'Diċembru, 2016[10], ir-rikorrenti ma baqgħetx taċċetta ħlas ta' kera mingħand l-intimata Vella;

Illi ħareġ ukoll li l-intimata Vella għandha dħul f'termini ta' salarju ta' sittax-il elf, sitt mija disgħa u sebgħin ewro (€16,679) fis-sena, qabel it-tnaqqas minn dan l-ammont tat-taxxa u l-kontribuzzjoni ta' sigurta` soċjali lill-Awtoritajiet konċernati[11];

Illi stima ta' perit imqabbad mir-rikorrenti u li saret fi Frar tal-2018 turi li l-post jista' jinkera b'disat elef ewro (€9,000) fis-sena, filwaqt li l-prezz stmat li jġib li kieku kellu jinbiegħ bla kirja fuq is-suq ħieles huwa ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000)[12];

lli fit-3 ta' April, 2018, infetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti trid tagħmel il-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> tagħha dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami fuq is-saħħa tal-argumenti mressqa mill-intimati w ir-raġunijiet mogħtija minnhom.

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimata Vella. Hija ssejjes l-imsemmija eċċezzjoni tagħha fuq il-fatt li, minn qari mad-daqqa t'għajn tat-talbiet fl-att li bih ressqet din il-kawża[13], joħroġ ċar li l-għan aħħari tar-rikorrenti huwa t-tneħħija jew l-iżgumbrament tagħha mill-

[7] Dok. "MG11" u Dok. "MG12" f'paġġ. 92 sa 116 tal-proċess, u Dok. "MG2" f'paġġ. 29 sa 43 tal-proċess
[8] Dok. "MG4" f'paġġ. 59 sa 61, u Dok. "MG7" f'paġġ. 66 sa 69 tal-proċess
[9] Ibid. Ara wkoll Dok. "MG3" f'paġġ. 44 sa 57 tal-proċess
[10] Dok. "MG6"f'paġġ. 64 u 65 tal-proċess
[11] Paġ. 122 tal-proċess
[12] Dok "MG5", f'paġġ. 62 sa 63 tal-proċess
[13] Tirreferi b'mod partikolari għat-tielet talba attriċi

fond. Ittenni li r-rikorrenti ilha żmien li setgħet inqdiet b'rimedji proċedurali "ordinarji" quddiem qrati jew tribunali oħrajn u naqset li tagħmel dan, b'mod partikolari kif maħsub taħt l-Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili. Iżżid tgħid li xogħol il-Qorti hu li tara jekk kienx hemm mezz ieħor minbarra dan li r-rikorrenti setgħet aċċediet għalih u mhux tkun hi li tagħmel dak li kellha tagħmel Qorti, bord jew tribunal ieħor minflokha;

Illi l-intimat Avukat tal-Istat, min-naħa l-oħra, jgħid li huwa kollu għalxejn li l-intimata l-oħra qajmet din l-eċċezzjoni, għaliex sewwasew dwar ir-rimedju "ordinarju" li tgħid li r-rikorrenti messha nqdiet bih, ladarba mill-provi jirriżulta li d-dħul tal-intimata ma jissodisfax il-kriterju kontemplat taħt ir-Regolamenti fuq imsemmija;

Illi r-rikorrenti tilqa' għal dan l-argument billi tgħid li ż-żewġ eċċezzjonijiet imqajmin mill-intimata qajla joqogħdu flimkien – għaliex f'nifs wieħed hija tqis li ma messhiex kienet fil-kawża, u fl-istess waqt issemmi rimedju li jagħmilha l-kontradittriċi leġittima tal-istess attriċi. Minbarra dan, twarrab din l-eċċezzjoni għaliex mhux minnu li hija kellha xi rimedju li setgħet tinqeda bih kontra l-intimata Vella, għaliex il-liġi li skond l-intimata Vella tagħtiha rimedju "ordinarju" ġiet fis-seħħ fl-10 ta' Lulju, 2018 u li m'għandhiex effett retroattiv għaż-żmien meta r-rikorrenti ressqet l-azzjoni tagħha. Tgħid ukoll li l-liġi nnifisha ma tagħti ebda rimedju effettiv u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Vella għandha titwarrab;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u oġġettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[14]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha, dik li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-

[14] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra v. Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[15] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[16];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[17]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[18]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[19];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienet l-intimata Vella li qajmet l-eċċezzjoni li r-rikorrenti naqset li tinqda b'rimedju ieħor li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, u huwa għalhekk dmir tal-istess intimata li turi b'mod tajjeb li r-rikorrenti tassew kellha dak ir-rimedju u li naqset li tinqeda bih jew li għadha tista tinqeda bih;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor irid jitqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[20]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[21];

[15] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut v. Awtorita` tal-Ippjanar et***
[16] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[17] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[18] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[19] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et v. Policy Manager ta' Malta Shipyards et***
[20] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et***
[21] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[22];

Illi applikati dawn il-prinċipji għal każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni. Fi kliem l-intimata Vella, it-tielet talba attriċi tixhed wieħed mill-għanijiet li r-rikorrenti tixtieq tilħaq bil-kawża tagħha u li, jekk kellha tintlaqa' iwassal għat-tneħħija jew żgumbrament tagħha mill-post. Għal dan il-għan, l-intimata turi bħala rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrenti dak li jagħti l-Artikolu 1531F tal-Kodiċi Ċivili u t-test tal-mezzi msemmi fil-*proviso* għal paragrafu (iv) tal-istess artikolu, u liema rimedju kellu jitressaq bil-proċedura maħsuba mil-liġi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera;

Illi din il-Qorti ma tistax, imma, tħares biss lejn it-tielet talba attriċi bla ma tqis l-azzjoni sħiħa. Meta żżomm dan quddiem għajnejha, issib li r-rimedju suġġerit mill-intimata Vella ma jista' qatt jindirizza l-ilment tal-ksur li r-rikorrenti tgħid li qiegħda ġġarrab u li ġarrbet fl-imgħoddi dwar it-tgawdija ta' ħwejjiġha. Tqis ukoll li l-azzjoni tar-rikorrenti dwar l-ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tmur lil hinn minn waħda ta' żgumbrament kif qed tittanta tpinġiha l-intimata. L-istħarriġ u r-rimedji mitluba f'azzjoni bħal din tallum ma jaqgħux fis-setgħat tal-Bord li Jirregola l-Kera, ladarba l-kompetenza tiegħu hija determinata strettament minn dak li tagħtih il-liġi li waqqfitu, u minħabba li lanqas jekk tqum "kwestjoni kostituzzjonali" quddiemu ma huwa f'qagħda li jagħmel riferenza lil din il-Qorti skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 4(3) tal-Kap 319[23]. Fi kliem ieħor, ukoll kieku r-rikorrenti nqdiet bir-rimedju propost mill-intimata Vella, ma kien hemm l-ebda dubju li l-azzjoni tallum kienet se titressaq xorta waħda. Fl-aħħarnett, il-Qorti tara ċertu siwi fl-argument tar-rikorrenti li din l-eċċezzjoni ma tantx toqgħod mal-oħra li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tasal għall-fehma li ma jmisshiex tilqa' l-istedina magħmula lilha mill-intimata Vella biex ma twettaqx is-setgħat tagħha li tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti, u għalhekk issib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Vella m'għandhiex tintlaqa' għaliex mhix mistħoqqa;

Illi **fir-raba' eċċezzjoni preliminari tagħha**, l-intimata Vella tgħid li jmissha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju minħabba li mhijiex il-kontradittriċi

[22] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), pġ. 133
[23] Ara Kost. **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet v. Licari et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXVIII.i.297**)

leġittima tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, billi l-privat ma jistax jitħarrek biex jagħmel tajjeb għall-ksur ta' xi jedd fundamentali li jġarrab ħaddieħor;

Illi kemm l-intimat Avukat tal-Istat u kif ukoll ir-rikorrenti jwarrbu dawn l-eċċezzjonijiet u jagħmlu riferenza għal sentenzi li qiesu ħaġa bħal din;

Illi l-Qorti wkoll issib li din l-eċċezzjoni mhix tajba, safejn biha l-intimata trid li tinħareġ mill-kawża. Kif tfisser għadd ta' drabi f'dan ir-rigward[24], post l-intimata Vella f'din il-kawża mhuwiex minħabba li kienet hi li b'xi mod wettqet l-ksur tal-jedd pretiż mir-rikorrenti daqskemm il-fatt li hija l-intimata li qiegħda tgawdi minn ġid ir-rikorrent bis-saħħa tal-liġi attakkata. Dan l-istat ta' fatt iqiegħed fuqha interess ta' leġittimazzjoni passiva li tolqotha fil-laħam il-ħaj. L-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali kif imressqa mir-rikorrenti jirrigwardaw it-tħaddim ta' liġi li l-intimata Vella bl-ebda mod ma pprovokat. Hija nqdiet bil-ligi bħal ma kellha kull jedd li tagħmel. Iżda, jekk din il-Qorti ssib li, bit-tħaddim ta' liġi bħal dik, ir-rikorrenti ġarrbet jew qiegħda ġġarrab ksur ta' xi jedd tagħha, l-intimata Vella ma tistax tgħid li hija ma jimpurtaha xejn jew li mhux se tintlaqat minn dak li jirriżulta;

Illi fis-sewwa, l-kwestjoni ta' min imissu jkun il-kontradittur leġittimu f'azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali llum il-ġurnata jidher li trid titqies ukoll mil-lenti tal-effett li dik l-azzjoni ġġib magħha li kieku l-ilment jintlaqa'. Jibda biex jingħad li n-natura ta' azzjoni, anke dik ta' natura Kostituzzjonali, hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetħet il-kawża. Qari xieraq tar-rikors li bih ir-rikorrenti fetħet din il-kawża ma jħalli l-ebda dubju li hija ssejjes l-azzjoni tagħha fuq il-liġi li tagħti ħarsien lill-kerrej u l-użu li baqa' jsir mill-fond mill-intimata bis-saħħa ta' dik il-liġi. Ir-rikorrenti titlob kemm dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet tagħha, kif ukoll aktar minn rimedju wieħed;

Illi f'każijiet li jolqtu l-jedd ta' tgawdija bil-kwiet tal-ġid jew tal-possedimenti, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, issaħħet il-fehma tal-Qrati li persuna intimata jmissha tibqa' fil-kawża, imqar jekk minħabba l-effetti li s-sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jista' jkollu fuq il-ġid li jkollha taħt idejha u liema ġid ikun jappartjeni lill-parti attriċi. Dan jgħodd ukoll jekk dik il-parti mħarrka ma tkunx hija li ġabet il-ksur tal-jedd ilmentat u mqar jekk dik il-persuna tkun inqdiet minn xi jedd mogħti lilha mil-liġi. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li, jekk kemm-il darba kellha ssib li r-rikorrenti tassew ġarrbet ksur tal-jedd fundamentali tagħha dwar dak il-fond, ir-rimedju jrid jingħata mill-Istat u mhux mill-privat, imma l-intimata ma tistax ma tintlaqatx ukoll bl-għamla ta' rimedju li jista' jingħata;

[24] Ara, b'eżempju, Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Ġenerali et***; Kost. **11.7.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Borġ vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***David Pulliċino et vs Avukat Ġenerali et*** fost oħrajn

Illi għalhekk, il-Qorti mhix se tilqa' din l-eċċezzjoni għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimata Maria Vella bħala mhux mistħoqqa, u, filwaqt li tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' u tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha, ma tqisx li hemm raġunijiet biex teħles lill-istess intimata mill-ħarsien tal-ġudizzju; u

**Tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi fuq il-mertu;

**L-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jiġu determinati fis-sentenza finali.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Mejju, 2021**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta' Mejju, 2021**